MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 458/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**MARIO LAWRENCE GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Lawrence Galea, ta’ 37 sena, bin Francis u Mary nee’ Cini, imwieled Cardiff, Wales fit-8 ta’ Awissu 1970, u li joqghod fi Blokk 4, No 11, Luqa Road, Tarxien. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 126387M.

Gie akkuzat:

1. talli nhar l-Hadd 13 ta’ April 2008, gewwa l-Birgu u f’postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe diversi CDs tal-musika, DVD films u loghob tal-Playstation.

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

3. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort’ohra ghamel, jew dahhal f’Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, *film*, ktieb, kartolina jew kitba pornografiku jew oxxen.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok YF3 u nnutat li l-imputat  Mario Lawrence Galea m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta it-tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati ta' tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat hi akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ewwel akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 298B, 208(1) u 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Lawrence Galea, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz  tillibera lill-istess imputat Mario Lawrence Galea taht il-

Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Lawrence Galea fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Mario Lawrence Galea.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok YF6 u tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok YF9, Dok YF10, Dok MJP1 u Dok MJP2 kollha esebiti materjalment u tordna ukoll il-konfiska tal-oggett esebit formalment bhala Dok YF7.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Lawrence Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------